



**Stqarrija għall-Istampa
Il-Lussemburgu, l-14 ta' Marzu 2019**

Sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, iżda jista' jsir aktar, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għalkemm f'dawn l-aħħar snin sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi fl-UE, għad fadal ċerti sfidi. L-awdituri jgħidu li jeħtieġ tittieħed azzjoni ulterjuri sew biex jingħelbu d-dgħufijiet li għad fadal fl-Istati Membri kif ukoll fir-rigward tas-superviżjoni tal-importazzjonijiet u t-traċċabbiltà tal-prodotti.

Il-prezzijiet li l-konsumaturi jħallsu għal prodotti li jkollhom it-tikketta organika tal-UE xi kultant huma sinifikattivament ogħla minn daww għal prodotti konvenzjonali. Il-produzzjoni tal-maġġoranza l-kbira ta' prodotti organiċi li jiġu kkonsumati fl-UE ssir ġewwa t-territorju tagħha.

Ma jeżistux testijiet xjentifiċi li jippermettu li jiġi determinat jekk prodott ikunx organiku jew le. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm sistema ta' kontroll robusta li tkopri l-katina ta' provvista kollha kemm hi, mill-produtturi sal-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri tal-ikel, biex il-konsumaturi jingħataw aċċertament li l-prodotti organiċi li jixtru jkunu verament organiċi. Il-Kummissjoni Ewropea għandha rwol ċentrali fis-superviżjoni tas-sistema ta' kontroll.

Is-settur organiku tal-UE kiber b'mod rapidu matul dawn l-aħħar snin. L-awdituri taw segwitu għar-rapport preċedenti tagħhom mill-2012 u eżaminaw jekk is-sistema ta' kontroll tal-UE għall-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-importazzjoni ta' prodotti organiċi issa tipprovdi aċċertament akbar lill-konsumaturi. Minbarra li ngħata segwitu għas-sitt Stati Membri li kienu nżaru preċedentement, twettqu wkoll żjarat tal-awditjar fil-Bulgarija u fir-Repubblika Ċeka.

L-awdituri sabu li kien sar titjib fis-sistema ta' kontroll u li ġeneralment, kienet ittieħdet azzjoni b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħhom. L-Istati Membri li kienu ġew awditjati fl-awditu preċedenti ħadu azzjoni biex itejbu s-sistemi ta' kontroll tagħhom filwaqt li l-Kummissjoni reġgħet bdiet iż-żjarat ta' kontroll proprji tagħha u sa issa żaret il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri. Madankollu, għad fadal għadd ta' dgħufijiet; l-użu ta' miżuri ta' infurzar għas-sanzjonar tan-nuqqas ta' konformità ma ġiex armonizzat fil-livell tal-UE, filwaqt li l-awtoritajiet u l-korpi ta' kontroll tal-Istati Membri xi kultant damu biex jikkomunikaw il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

“Meta l-konsumaturi jixtru prodotti organiċi, huma jserrĥu fuq il-fatt li r-regoli għal prodotti organiċi jkunu ġew applikati f’kull stadju tal-katina ta’ provvista, kemm jekk dawn jiġu prodotti fl-UE kif ukoll jekk ikunu ġew importati,” qal Nikolaos Milionis, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Jenĥtieġ li l-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tirrimedja d-dgħufijiet li għad fadal u biex trendi s-sistema ta’ kontroll effettiva kemm jista’ jkun - dan huwa kruċjali biex il-konsumatur jibqa’ jkollu fiduċja fit-tikketta organika tal-UE.”

Dan l-awditu kopra s-sistemi ta’ importazzjoni b’mod aktar estensiv. Fl-2018, l-UE importat prodotti organiċi minn aktar minn 100 pajjiż terz. L-awdituri sabu li l-Kummissjoni bdiet iżżur il-korpi ta’ kontroll fil-pajjiżi li jesportaw prodotti organiċi lejn l-UE. Huma identifikaw ukoll dgħufijiet fil-kontrolli li l-Istati Membri jwettqu fuq kunsinni li jidħlu fil-pajjiż, u sabu li, f’xi Stati Membri, il-kontrolli li l-korpi ta’ kontroll iwettqu fuq l-importaturi kienu għadhom mhumiex kompleti.

L-awdituri wettqu eżerċizzju ta’ traċċabbiltà għall-prodotti organiċi. Minkejja t-titjib li sar f’dawn l-aħħar snin, partikolarment ġewwa l-UE, huma sabu li ħafna prodotti ma setgħux jiġu ttraċċati lura għall-produttur agrikolu, filwaqt li għal xi wħud minnhom, din il-proċedura ħadet aktar minn tliet xhur.

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tindirizza d-dgħufijiet li għad fadal fis-sistemi ta’ kontroll u fir-rapportar tal-Istati Membri;
- ittejjeb is-superviżjoni fuq l-importazzjonijiet, inkluż permezz ta’ kooperazzjoni aħjar mal-korpi ta’ akkreditament u l-awtoritajiet kompetenti ta’ swieq sinifikanti oħra ta’ importazzjoni;
- twettaq kontrolli ta’ traċċabbiltà aktar kompleti għall-prodotti organiċi.

Noti lill-Edituri

Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2019 “Għalkemm sar titjib fis-sistema ta’ kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Dan ir-rapport huwa awditu ta’ segwitu għar-Rapport Speċjali Nru 9/2012 tal-QEA: Verifika (awditu) tas-sistema ta’ kontroll li tirregola l-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-importazzjoni ta’ prodotti organiċi, fejn l-awdituri wettqu żjarat fir-Renju Unit, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, Franza u l-Irlanda.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li l-awdituri jagħmlu fir-rapporti tagħhom jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta’ spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tal-QEA għaċ-ċittadini tal-UE.